**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 686/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**

**Vs**

**Ahmed Mehdi A. Al Bakoush**

**Illum 19 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Ahmed Mehdi A. Al Bakoush** ta' sebgħa u għoxrin (27) sena, imwieled il-Libja nhar it-3 ta' Ġunju 1996 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 118345A, talli nhar l-1 ta' Settembru 2024 għall-ħabta ta' bejn 12:30hrs u 15:00hrs, ġewwa l-fond Hilltop, Flat 2, Triq l-Isturnell Roża, Luqa:

1. Ikkaġuna biża lil Elaine Gauci Al Bakoush (konjuġi attwali tiegħu) li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u dan laħaq il-mira tiegħu, f'liema delitt twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251(3), 251H(f), 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Elaine Gauci Al Bakoush (konjuġi attwali tiegħu) f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Elaine Gauci Al Bakoush (konjuġi attwali tiegħu), u cioè ferita ta' natura ħafifa kif ċertifikata minn Dr. Thomas Degiorgio, Med. Reg. No. 4112, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 221 u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali;

3. Mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorità tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni li tkun jew fixkel lil Elaine Gauci Al Bakoush fil-pussess ta' ħwejjiġha b'mod ieħor kontra l-Liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor;

4. Għamel inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Elaine Gauci Al Bakoush u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali;

5. Ħebb kontra l-persuna ta' Elaine Gauci Al Bakoush sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-proċeduri, kontra Ahmed Mehdi A. Al Bakoush a benefiċċju ta' Elaine Gauci Al Bakoush u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; f'każ ta' ħtija sabiex il-Qorti: (ii) barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika ukoll l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Elaine Gauci Al Bakoush; (ii) barra milli tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lil Ahmed Mehdi A. Al Bakoush iħallas id-danni stabbiliti skond l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, markat Dok. "X" a fol. 5 tal-proċess;

Rat illi l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti spjegatlu bi kliem sempliċi l-implikazzjonijiet legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posiżżjoni tiegħu u jerġa' jmur lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "I" a fol. 9 sa' 25 tal-proċess;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar l-1 ta' Settembru 2024 għall-ħabta ta' bejn 12:30hrs u 15:00hrs, ġewwa l-fond Hilltop, Flat 2, Triq l-Isturnell Roża, Luqa: (1) Ikkaġuna biża lil Elaine Gauci Al Bakoush (konjuġi attwali tiegħu) li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u dan laħaq il-mira tiegħu, f'liema delitt twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251(3), 251H(f), 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta; (2) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Elaine Gauci Al Bakoush (konjuġi attwali tiegħu) f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Elaine Gauci Al Bakoush (konjuġi attwali tiegħu), u cioè ferita ta' natura ħafifa kif ċertifikata minn Dr. Thomas Degiorgio, Med. Reg. No. 4112, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 221 u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali; (3) Mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorità tiegħu

nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni li tkun jew fixkel lil Elaine Gauci Al Bakoush fil-pussess ta' ħwejjiġha b'mod ieħor kontra l-Liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor; (4) Għamel inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Elaine Gauci Al Bakoush u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali; (5) Ħebb kontra l-persuna ta' Elaine Gauci Al Bakoush sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni, il-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti, filwaqt li ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma assoribiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 31, 85(1), 202(h)(i), 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 250(2), 251(2)(3), 251H(a)(f), 251HA, 339(1)(d)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll fid-dawl tal-karattru ta' l-istess imputat, is-sorveljanza tiegħu minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu u li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel l-imputat u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta 'l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7(1)(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta 'l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta 'l-Ordni ta 'Probation impost fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma ' tali Ordni ta 'Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta 'tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta 'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja tal-Probation Order tingħata lill-imputat kif ukoll tiġi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.
Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Elaine Gauci Al Bakoush. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma tressqux provi dwar danni kawżati, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll tad-Digriet ta' Ordni ta' Probation u tad-Digriet ta' Ordni ta' Trażżin.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**